16	Informazzjoni addizzjonali. Pereżempju, dwar diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom u oqsma għal titjib fil-futur (*fakultattiva*)			

Informazzjoni dwar Miżuri meħuda biex il-pubbliku jiġi infurmat u kwalunkwe azzjoni li ċ-ċittadini ntalbu jieħdu			
17	Deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex il-pubbliku jiġi infurmat dwar speċijiet aljeni invażivi u azzjonijiet li ċ-ċittadini huma meħtieġa jieħdu (imsemmija fl-Artikolu 24(1), il-punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)		
18	Ġiet żgurata l-parteċipazzjoni pubblika fil-pjan(ijiet) ta' azzjoni (kif imsemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)?	Iva	☐
		Le	☐
	Ġiet żgurata l-parteċipazzjoni pubblika fil-miżuri ta' ġestjoni (kif imsemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)?	Iva	☐
		Le	☐
19	Dettalji addizzjonali dwar il-parteċipazzjoni pubblika fil-pjan(ijiet) ta' azzjoni u fil-miżuri ta' ġestjoni (Massimu ta' 300 kelma)		
20	Informazzjoni addizzjonali (*fakultattiva*)		

<table>
<tr><td colspan="6">Informazzjoni dwar il-kost tal-azzjoni meħuda għall-konformità ma' dan ir-regolament</td></tr>
<tr><td rowspan="11">21</td><td colspan="5">Deskrizzjoni tal-kost tal-azzjonijiet meħuda għall-konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 (kif imsemmi fl-Artikolu 24(1), il-punt (i), tiegħu), meta disponibbli</td></tr>
<tr><td rowspan="8">Deskrizzjoni tal-kostijiet imġarrba jew tal-isforz appoġġat għall-konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 – elenkati skont il-kategorija, fejn possibbli</td><td>Bini tal-kapaċitajiet</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>Pjanijiet ta' azzjoni għall-mogħdijiet</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>It-tħaddim tas-sistema ta' sorveljanza</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>It-tħaddim tal-kontrolli uffiċjali</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' qerda rapida jew ta' ġestjoni</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>It-tħaddim ta' spezzjonijiet ta' stabbilimenti li jkollhom permessi</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>Restawr tal-ekosistemi bil-ħsara</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>Kostijiet oħra</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td rowspan="4">Deskrizzjoni u indikazzjoni tal-kostijiet totali mġarrba jew tal-isforz appoġġat għall-konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 meta l-kostijiet ma jistgħux jiġu elenkati separatament skont il-kategorija. Agħżel il-kategoriji rilevanti li għalihom jikkontribwixxu dawk il-kostijiet jew dak l-isforz.</td><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td>Bini tal-kapaċitajiet</td><td>☐</td><td>L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' qerda rapida jew ta' ġestjoni</td><td>☐</td></tr>
<tr><td>It-tħaddim tas-sistema ta' sorveljanza</td><td>☐</td><td>It-tħaddim ta' spezzjonijiet ta' stabbilimenti li jkollhom permessi</td><td>☐</td></tr>
<tr><td>It-tħaddim tal-kontrolli uffiċjali</td><td>☐</td><td>Kostijiet oħra</td><td>☐</td></tr>
</table>

22	Ġew stabbiliti sistemi għall-irkupru tal-kostijiet, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, biex jiġu rkuprati l-kostijiet tal-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni, għall-minimizzazzjoni jew għall-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tal-ispeċijiet aljeni invażivi (kif previst fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014)?	Iva	☐
		Le	☐
23	Informazzjoni addizzjonali. Pereżempju, dwar diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom u oqsma għal titjib fil-futur (*fakultattiva*)		
24	Informazzjoni addizzjonali – Ġenerali (*fakultattiva*)		

Struzzjonijiet biex tingħabar l-informazzjoni li għandha tintbagħat

L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni dwar il-mistoqsijiet kollha, ħlief għal dawk indikati bħala fakultattivi.

TAQSIMA A

Il-mistoqsijiet kollha tat-Taqsima A għandhom jitwieġbu għal kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi mniżżlin fil-lista tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, fil-verżjoni li tkun fis-seħħ fi tmiem l-aħħar sena kalendarja li jkopri r-rapport.

Għal kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib reġjonali li għaliha jkun daħal fis-seħħ att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 sa dik id-data stess, għandhom jitwieġbu biss il-mistoqsijiet 1 sa 5 u 14 sa 22.

Mistoqsija 1

— Ipprovdi l-isem xjentifiku tal-ispeċi.

Mistoqsija 2

— *Fakultattiva:* Agħti l-isem komuni tal-ispeċi bil-lingwa nazzjonali.

Mistoqsija 3

— Indika jekk l-ispeċi titqiesx li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru (billi teskludi l-iktar reġjuni mbiegħda, meta applikabbli).

— Tista' timmarka diversi kaxxi.

— Għall-għażla "Iva, preżenti f'faċilità kkonfinata", immarka din l-għażla jekk l-informazzjoni tkun faċilment disponibbli, jiġifieri ma jkunx hemm bżonn li jitwettqu riċerka jew stħarriġ *ad hoc*.

Mistoqsijiet 4.a. sa 4.d.

— Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 3 hija "Iva, attwalment preżenti fl-ambjent", ipprovdi fajl bid-*data* dwar id-distribuzzjoni tal-ispeċi skont l-applikazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE. Dan il-fajl għandu juża t-tipi ta' oġġetti spazjali ddefiniti fit-Taqsima 18 tal-Anness IV ("Distribuzzjoni tal-Ispeċi") tar-Regolament (UE) Nru 1089/2010. L-informazzjoni dwar ix-xejriet tal-istatus riproduttiv, tar-riproduzzjoni, tal-introduzzjoni u tat-tixrid għandha tkun speċifikata bl-użu ta' listi ta' kodiċijiet xierqa.

— Mistoqsija 4.c. - Xejriet riproduttivi. Għandha timtela biss jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4b. hija l-għażla a) jew b).

— Mistoqsija 4.d - Xejriet tal-introduzzjoni. Huwa possibbli li jiġu mmarkati aktar minn kaxxa waħda.

Mistoqsija 5

— *Fakultattiva:* Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija rilevanti biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 1 sa 4.

Mistoqsija 6

— Indika jekk inħarġux permessi fir-rigward tal-ispeċi kif imsemmi fl-Artikoli 8(2) u/jew 9(6) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 matul il-perjodu ta' rapportar.

Mistoqsija 7

— Indika jekk inħariġx kwalunkwe permess addizzjonali kif imsemmi fl-Artikoli 8(2) u/jew 9(6) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 għal din l-ispeċi li huwa validu fil-perjodu ta' rapportar attwali f'perjodu ta' rapportar preċedenti.

Mistoqsija 8

— Għandha titwieġeb biss jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 6 u/jew 7 tkun "Iva".

— Għal kull sena kalendarja li jkopri r-rapport, indika l-għadd ta' permessi maħruġa u/jew validi msemmija fl-Artikolu 8 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 għal kull kategorija ta' skop, kif ukoll in-numru totali korrispondenti ta' individwi/eżemplari jew volum ikkonċernat koperti minn dawn il-permessi, inkluża l-unità tal-kejl (numru ta' eżemplari, kg ta' żerriegħa, eċċ.).

Mistoqsija 9

— Indika jekk ġiex irtirat kwalunkwe permess matul il-perjodu ta' rapportar, b'mod permanenti u/jew temporanju.

Mistoqsija 10

— Ikkonferma li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 saret disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet mingħajr dewmien għall-permessi kollha maħruġa, u indika l-Web link rilevanti.

Mistoqsija 11

— *Fakultattiva:* Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija meħtieġa biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 6 sa 10.

Mistoqsija 12

— Għal kull sena kalendarja li jkopri r-rapport, ipprovdi t-tabella mimlija fir-rigward tal-ispezzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 8(8) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Mistoqsija 13

— *Fakultattiva:* Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meqjusa meħtieġa biex tispjega t-tweġiba għall-mistoqsija 12. B'mod partikolari, spjega fid-dettall għaliex ma saret l-ebda spezzjoni, kif ukoll kull azzjoni li hija ppjanata.

Mistoqsija 14.

— Immarka l-kaxxa adegwata.

Mistoqsija 15

— Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 14 tkun "Iva", wieġeb għal din il-mistoqsija. L-informazzjoni tista' tingħata billi l-individwi/popolazzjonijiet tal-ispeċi kkonċernata mill-istess miżura/i ta' qerda rapida jitpoġġew fi grupp wieħed f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014. Jekk miżuri differenti jindirizzaw popolazzjonijiet differenti, din l-informazzjoni trid tingħata għal kull waħda minn dawk il-popolazzjonijiet.

Mistoqsija 15f.

— Immarka kif xieraq u żid id-data rilevanti.

Mistoqsija 15 g.

— *Fakultattiva:* Indika kif xieraq. Tista' tagħżel aktar minn waħda.

Mistoqsija 15i

— Indika kif xieraq. Tista' tagħżel aktar minn waħda.

Mistoqsija 15j

— Għandha tingħata tweġiba biss jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 15i. tinkludi l-għażla "Impatti negattivi fuq speċijiet mhux fil-mira".

Mistoqsija 15k

— Għandha tingħata tweġiba biss jekk din it-taqsima tkun qed timtela għal miżuri mmirati lejn speċijiet ta' annimali aljeni invażivi ta' thassib għall-Unjoni jew reġjonali.

Mistoqsija 15 l.

— *Fakultattiva:* Din il-mistoqsija tapplika kemm għall-ispeċijiet tal-annimali kif ukoll għal dawk mhux tal-annimali.

Mistoqsija 16

— *Fakultattiva:* Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija meħtieġa biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 14 u 15.

B'mod partikolari, spjega fid-dettall għaliex ma ttieħdet l-ebda miżura, kif ukoll kull azzjoni li hija ppjanata.

Mistoqsija 17

— Indika jekk l-ispeċi kinitx soġġetta għal kwalunkwe miżura ta' ġestjoni matul il-perjodu ta' rapportar.

Mistoqsija 18

Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 17 tkun "Iva", wieġeb għal din il-mistoqsija. L-informazzjoni tista' tingħata billi l-popolazzjonijiet differenti tal-ispeċi li jkunu indirizzati permezz tal-istess miżura/i ta' ġestjoni jitpoġġew fi grupp wieħed f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014. Jekk popolazzjonijiet differenti jkunu indirizzati b'miżuri differenti, din l-informazzjoni trid tiġi sottomessa għal kull popolazzjoni bħal din, jiġifieri, it-tabelli jistgħu jiġu duplikati għal kull subunità ġeografika.

Mistoqsija 18b.

— Immarka kif xieraq u żid id-data rilevanti.

Mistoqsija 18c.

— *Fakultattiva:* Indika kif xieraq. Tista' tagħżel aktar minn waħda.

Mistoqsija 18e.

— Indika kif xieraq. Tista' tagħżel aktar minn waħda.

Mistoqsija 18f.

— Għandha tingħata tweġiba biss jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 18e. tinkludi l-għażla "Impatti negattivi fuq speċijiet mhux fil-mira".

Mistoqsija 18 g.

— Għandha tingħata tweġiba biss jekk din it-taqsima tkun qed timtela għal miżuri mmirati lejn speċijiet ta' annimali aljeni invażivi ta' tħassib għall-Unjoni jew reġjonali.

Mistoqsija 18 h.

— *Fakultattiva*: Din il-mistoqsija tapplika kemm għall-ispeċijiet tal-annimali kif ukoll għal dawk mhux tal-annimali.

Mistoqsija 19.

— *Fakultattiva*: Agħti l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li hija meħtieġa biex tispjega t-tweġibiet li tajt għall-mistoqsijiet 17 u 18.

B'mod partikolari, spjega fid-dettall għaliex ma ttieħdet l-ebda miżura, kif ukoll kull azzjoni li hija ppjanata.

Mistoqsija 20.

— *Fakultattiva:* Agħti informazzjoni dwar l-impatt tal-ispeċi fuq il-bijodiversità u fuq is-servizzi tal-ekosistema relatati, li tinkludi informazzjoni dwar l-ispeċijiet indiġeni, dwar is-siti protetti u dwar il-ħabitats fil-periklu. Agħti wkoll informazzjoni dwar l-impatti soċjali u ekonomiċi tal-ispeċi, kif ukoll dwar l-impatti tagħha fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem.

Mistoqsija 21

— Immarka l-kaxxa xierqa biex tindika jekk l-Istat Membru huwiex involut fl-elenkar ta' kwalunkwe speċi aljena invażiva ta' ħassib reġjonali. Ipprovdi l-isem xjentifiku tal-ispeċi.

Mistoqsija 22

— Il-mistoqsija 22 għandha tiġi duplikata għal kull speċi msemmija taħt il-mistoqsija 21.

TAQSIMA B

It-Taqsima B għandha timtela għal kull waħda mill-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' ħassib għall-Istat Membru skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Mistoqsija 1

— Iċċara jekk l-Istat Membru fassalx lista nazzjonali ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' ħassib għall-Istat Membru.

Mistoqsija 2

— Ipprovdi l-isem xjentifiku tal-ispeċi.

Mistoqsija 3

— *Fakultattiva:* Agħti l-isem komuni tal-ispeċi bil-lingwa nazzjonali.

Mistoqsija 4a.

— Indika jekk l-ispeċi hijiex indiġena għal parti mit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

Mistoqsija 4b.

— Indika jekk l-ispeċi titqiesx bħala preżenti fit-territorju tal-Istat Membru (jekk speċi tkun indiġena għal parti mit-territorju tal-Istat Membru, wieġeb biss għal dak li jikkonċerna l-firxa aljena).

— Tista' timmarka diversi kaxxi.

— Għall-għażla "Iva, preżenti f'faċilità kkonfinata", immarka din l-għażla jekk l-informazzjoni tkun disponibbli faċilment, jiġifieri ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li jitwettqu riċerka jew stħarriġ *ad hoc*.

Mistoqsija 5

— *Fakultattiva:* Għandha timtela biss jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 4b. hija "Iva, attwalment preżenti fl-ambjent". Ara l-istruzzjonijiet għall-mistoqsija 4 tat-Taqsima A. Innota li, jekk speċi tkun indiġena għal parti mit-territorju tal-Istat Membru, wieġeb għal dawn il-mistoqsijiet biss għal dak li jikkonċerna l-firxa aljena tal-ispeċi fl-Istat Membru.

Mistoqsija 6

— Jekk applikabbli, indika liema miżuri huma applikati għall-ispeċi kkonċernata. Tista' tagħżel aktar minn waħda.

Mistoqsija 7

— *Fakultattiva:* Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meqjusa meħtieġa biex tispjega t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 1 sa 6.

TAQSIMA C

Mistoqsija 1

— Speċifika għal liema lista tal-Unjoni u aġġornamenti tal-lista tal-Unjoni twettqet analiżi komprensiva tal-mogħdijiet ta' introduzzjoni u tixrid mhux intenzjonati, kif ukoll il-prijoritizzazzjoni tagħhom.

— Lista inizjali tal-Unjoni: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 ([3])

— L-ewwel aġġornament tal-lista tal-Unjoni: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1263 ([4])

— It-tieni aġġornament tal-lista tal-Unjoni: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1262 ([5])

— It-tielet aġġornament tal-lista tal-Unjoni: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1203 ([6])

Mistoqsija 2

— Immarka l-kaxxa adegwata.

Mistoqsija 3

— Elenka l-mogħdijiet li jeħtieġu azzjoni ta' prijorità li rriżultaw mill-analiżi tal-mogħdijiet imwettqa skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Mistoqsija 4

— Fakultattiva: Ipprovdi d-dokument ta' prijoritizzazzjoni tal-mogħdijiet li ġie prodott jew link għalih.

Mistoqsija 5

— Immarka l-kaxxa adegwata. Pjan ta' azzjoni uniku li jkun fih diversi kapitoli tematiċi xorta huwa pjan ta' azzjoni uniku.

Mistoqsija 6

— Billi tuża l-kodiċijiet ta' hawn taħt, indika l-mogħdijiet ta' prijorità rilevanti indirizzati u l-ispeċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni koperti għal kull waħda minn dawn il-mogħdijiet:

Mogħdija		Kodiċi
1. RILAXX FIN-NATURA	Kontroll bijoloġiku	1.1
	Kontroll tal-erożjoni/stabbilizzazzjoni tal-għaram (ilqugħ kontra r-riħ, sisien tal-ħaxix, eċċ.)	1.2
	Sajd fis-selvaġġ (fosthom is-sajd rikreattiv)	1.3
	Kaċċa	1.4
	"Titjib" fil-flora, fil-fawna jew fil-pajsaġġ fis-selvaġġ	1.5
	Introduzzjoni għall-skopijiet ta' konservazzjoni jew għall-ġestjoni tal-organiżmi selvaġġi	1.6
	Rilaxx fin-natura għal użu (differenti minn dawk imsemmija hawn fuq, eż. għall-fer, għat-trasport, għal użu mediku)	1.7
	Rilaxx intenzjonat ieħor	1.8

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1141 tat-13 ta' Lulju 2016 li jadotta lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 14.7.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/1141/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1263 tat-12 ta' Lulju 2017 li jaġġorna l-lista ta' speċijiet aljeni invażivi ta' tħassib għall-Unjoni stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 skont ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 182, 13.7.2017, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/1263/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1262 tal-25 ta' Lulju 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 biex jaġġorna l-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni (ĠU L 199, 26.7.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1262/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1203 tat-12 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1141 biex jaġġorna l-lista ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/1203/oj).

2. ĦARBA MIŻ-ŻAMMA FIL-MAGĦLUQ	Agrikoltura (fosthom Materja prima tal-bijofjuwil)	2.1
	Akkwakultura/marikultura	2.2
	Ġnien botaniku/żoo/akkwarji (minbarra l-akkwarji domestiċi)	2.3
	Speċijiet li jinżammu bħala annimali domestiċi, li jitrabbew f'akkwarju jew li jitrabbew f'terrarju (fosthom l-għalf ħaj għat-tali speċijiet)	2.4
	Annimali tal-irziezet (fosthom l-annimali li ftit li xejn jiġu kkontrollati)	2.5
	Forestrija (fosthom it-tisġir u r-riforestazzjoni)	2.6
	Irziezet li fihom jitrabbew l-annimali għall-fer	2.7
	Ortikultura	2.8
	Skopijiet ornamentali oħrajn minbarra l-ortikultura	2.9
	Riċerka u trobbija *ex situ* (fil-faċilitajiet)	2.10
	Għalf ħaj u lixka ħajja	2.11
	Tip ta' ħarba oħra miż-żamma fil-magħluq	2.12
3. TRASPORT – KONTAMINANTI	Kontaminanti tal-materjal taż-żoni ta' tkabbir	3.1
	Lixka kkontaminata	3.2
	Kontaminanti tal-ikel (inkluż tal-għalf ħaj)	3.3
	Kontaminanti fl-annimali (ħlief il-parassiti u l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.4
	Parassiti fl-annimali (fosthom l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.5
	Kontaminanti fuq il-pjanti (ħlief il-parassiti u l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.6
	Parassiti fuq il-pjanti (fosthom l-ispeċijiet ittrasportati permezz ta' ospitant jew ta' vettur)	3.7
	Kontaminant taż-żerriegħa	3.8
	Kummerċ tal-injam	3.9
	Trasport tal-materjal tal-ħabitat (il-ħamrija, il-veġetazzjoni, eċċ.)	3.10
4. TRASPORT - PASSIĠĠIERI KLANDESTINI	Irkaptu tas-sajd jew tas-sajd bil-qasba	4.1
	Kontejners jew oġġetti bl-ingrossa	4.2
	Passiġġieri klandestini fuq l-ajruplan	4.3
	Passiġġieri klandestini fuq dgħajsa jew fuq vapur (minbarra l-ilma tas-saborra u l-ħmieġ mal-buq)	4.4
	Makkinarju jew tagħmir	4.5
	Nies u l-bagalji jew it-tagħmir tagħhom (b'mod partikolari fil-kuntest tat-turiżmu)	4.6
	Materjal organiku tal-imballaġġ, b'mod partikolari dak tal-injam	4.7

	Ilma tas-saborra ta' dgħajsa jew ta' vapur	4.8
	Ħmieġ mal-buq ta' dgħajsa jew ta' vapur	4.9
	Vetturi (il-karozzi, il-ferroviji, eċċ.)	4.10
	Mezzi oħrajn tat-trasport	4.11
5. KURITURI	Passaġġi fuq l-ilma, il-baċiri u l-ibħra interkonnessi	5.1
	Mini u pontijiet fuq l-art	5.2
6. TIXRID MHUX MEGĦJUN	Tixrid naturali transfruntier tal-ispeċijiet aljeni invażivi li jkunu ddaħħlu permezz tal-mogħdijiet 1 sa 5	6.1

Mistoqsija 7

— Indika liema pjanijiet ta' azzjoni huma ffinalizzati u liema għadhom qed jiġu abbozzati.

Mistoqsijiet 8 u 9

— Indika liema pjanijiet ta' azzjoni huma stabbiliti u li ġew implimentati.

Mistoqsija 10

— Ipprovdi l-Pjanijiet ta' azzjoni adottati jew link għalihom.

Mistoqsija 11

— *Fakultattiva:* Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar il-Pjan(ijiet) ta' azzjoni adottat(i) jew li qed jitħejja/jitħejjew.

Mistoqsija 12

— Immarka l-kaxxa adegwata.

Ipprovdi dettalji dwar il-kopertura ġeografika tas-sistema ta' sorveljanza.

Ibgħat dokument (jew web link għal tali dokument, jekk ikun xieraq) li jiddeskrivi s-sistema ta' sorveljanza msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Mistoqsija 13

— Immarka l-kaxxa adegwata.

Mistoqsija 14

— *Fakultattiva:* Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar is-Sistema ta' sorveljanza stabbilita.

Mistoqsija 15

— Immarka l-kaxxa adegwata.

Ipprovdi dettalji dwar is-sistema ta' kontroll uffiċjali fis-seħħ, inkluża deskrizzjoni tal-istrutturi użati biex jitwettqu l-kontrolli uffiċjali, il-proċeduri biex jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti u l-koordinazzjoni effiċjenti u effettiva bejn l-awtoritajiet kollha involuti fil-verifika, kif previst fl-Artikolu 15(7) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Elenka l-kategoriji ta' oġġetti li huma soġġetti għal kontroll uffiċjali, meta rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, bl-użu tal-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda.

Indika liema awtoritajiet kompetenti jwettqu l-kontrolli uffiċjali.

Ibgħat dokument (jew web link għal tali dokument, jekk ikun xieraq) li jiddeskrivi l-kontrolli uffiċjali msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014.

Mistoqsija 16

— *Fakultattiva:* Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar is-sistema ta' kontrolli uffiċjali stabbilita.

Mistoqsija 17

— Iddeskrivi (jew ipprovdi web link għal dokument li jiddeskrivi) il-miżuri meħuda biex il-pubbliku jiġi infurmat dwar il-preżenza ta' speċijiet aljeni invażivi u kwalunkwe azzjoni li ċ-ċittadini ntalbu jieħdu. Jistgħu jiġu pprovduti web links għar-riżorsi tal-Internet, u eżempji ta' dokumenti mtellgħin, sakemm dawn ikunu akkumpanjati minn deskrizzjonijiet xierqa tal-azzjonijiet meħuda.

Mistoqsija 18

— Immarka l-kaxxa adegwata.

Mistoqsija 19

— Ipprovdi dettalji addizzjonali dwar kif ġiet żgurata l-parteċipazzjoni pubblika għall-Pjan(ijiet) ta' azzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament IAS u fil-miżuri ta' ġestjoni meħuda.

Mistoqsija 20

— *Fakultattiva:* Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar il-miżuri meħuda biex il-pubbliku jiġi infurmat jew biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni pubblika.

Mistoqsija 21

— Indika u ddeskrivi l-kost tal-azzjonijiet meħuda għall-konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014. L-ewwel nett, meta jkunu disponibbli, il-kostijiet imġarrba u/jew l-isforz appoġġat għandhom jiġu pprovduti għal kull kategorija separatament (il-bini tal-kapaċità, it-tħaddim tas-sistema ta' sorveljanza, it-tħaddim tal-kontrolli uffiċjali, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' qerda rapida jew ta' ġestjoni, it-tħaddim ta' spezzjonijiet ta' stabbilimenti li għandhom il-permessi). Meta l-kostijiet ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament għal kategoriji individwali, il-kost totali mġarrab jew l-isforz appoġġat għandu jiġi indikat u deskritt, kif ukoll il-kategoriji rilevanti magħżula. Kemm jista' jkun, inkludi informazzjoni rilevanti dwar l-irkupru tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-azzjonijiet imwettqa (kostijiet ta' ħsara evitati, ħsara evitata għall-bijodiversità u servizzi relatati tal-ekosistema, kontribuzzjoni għal miri oħra tal-UE, ħsara evitata għas-saħħa tal-bniedem, sikurezza u l-ekonomija), meta disponibbli.

Mistoqsija 22

— Immarka l-kaxxa adegwata.

Mistoqsija 23

Fakultattiva: Ipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, jew web link għal dokument, dwar il-kost tal-azzjoni meħuda għall-konformità mar-Regolament (UE) Nru 1143/2014, kif imsemmi fl-Artikolu 24(1), il-punt (i), tiegħu, inklużi dettalji addizzjonali dwar il-mistoqsijiet 21 u 22. Elabora b'mod partikolari dwar is-sistemi ta' rkupru tal-kostijiet stabbiliti.

Mistoqsija 24

— *Fakultattiva:* Ibgħat dokument (jew web link għal tali dokument) bl-informazzjoni l-oħra kollha li l-Istat Membru jixtieq iżid b'rabta mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014 minbarra l-informazzjoni mitluba f'dan il-format.